**Minuti tal-Laqgħa nru 30 tal-Ħames Kunsill Lokali tal-Mosta li saret nhar il-Erbgħa 23 ta' Settembru 2009 fis-7.30 p.m.**

Il-Laqgħa bdiet fis-7.30 ta' filgħaxija .

Il-Kunsilliera kienu preżenti kif jidher hawn taħt.

Is-Sindku mexxa il-laqgħa tal-kunsill.

| | Time In | Time Out |
|---|---|---|
| Sindku Dr. Paul Chetcuti Caruana | 7.30 | 10.45 |
| Viċi Sindku Josette Agius Decelis | 7.30 | 8.30 |
| Kunsillier Joseph Demartino | 7.30 | 10.45 |
| Kunsillier Mario Sammut | 7.43 | 10.45 |
| Kunsillier Shirley Farrugia | 7.30 | 10.45 |
| Kunsillier Marthese Mifsud | 7.50 | 10.45 |
| Kunsillier Paul Agius | 7.30 | 10.45 |
| Kunsillier Kirby Fenech | 7.30 | 10.45 |
| Kunsillier Christopher Grech | 7.30 | 10.45 |
| Kunsillier John Mary Camilleri | Skużat | |
| Kunsillier Nicola Fenech Adami | Assenti | |

Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur John J. Camilleri kien preżenti għal-laqgħa.

**1.0 Sospensjoni tar-Regolamenti**

1.01 Fil-bidu tas-seduta s-Sindku talab sospensjoni tar-regolamenti u talab li l-laqgħa tgħaddi mill-ewwel għall item 5 tal-agenda sabiex il-Perit C. Buhagiar u l-Perit Faye Caruana jkunu jistgħu jagħmlu l-preżentazzjoni tagħhom. Ma kienx hemm oġġezzjoni.

1.02 Il-Periti Buhagiar u Caruana għamlu preżentazzjoni permezz ta' power point kif wkoll tqassmu fuljetti tal-proġett tal-Ġnien l-Għarusa tal-Mosta u l-War Rooms ta' taħtu. Huwa spejga fid-dettal dan il-proġett li għandu l-iskop li jservi ta' attrazzjoni turistika fil-Mosta kif ukoll ta' post fejn ir-residenti Mostin jkunu jistgħu jżuru bħala ħarġa kulturali u fl-istess ħin ta' divertiment. Il-Mosta diġa għandha attrazzjoni turistika bir-Rotunda. Dan il-proġett flimkien ma ħolqien ta' Tourist Trail li jinkludi diversi kappellel, widien, niċeċ, shelters, katakombi u attrazzjonijiet oħra, il-Mosta jsir ċentru turistiku wkoll u jgawdu kemm ir-residenti kif ukoll l-kummerċjanti Mostin. Saret spjegazzjoni dettaljata tal-viżjoni li għandu l-Kunsill għar-riabilitazzjoni tal-War Rooms taħt l-istess Ġnien tal-Għarusa tal-Mosta.

Dan ix-xogħol preliminarju ta' ippjanar qed isir bl-iskop li jintalbu fondi minn programmi tal-Ewropa kif ukoll tal-MEPA sabiex ikun jista jitwettqu dawn il-progetti. Iżda l-proġetti għandhom jitwettqu f'diversi fażijiet minħabba l-ispejjes kbar li jinvolvu. Saru interventi minn diversi Kunsilliera fuq is-suġġett.

1.03 F'dan l-istadju il-periti irtiraw.

1.04 Irtirat ukoll il-Viċi Sindku billi kellha impenji oħra.

1.05 **Ftehim mal-NGO – Razzett tal-Markiż Mallia Tabone**

Saret diskussjopni dwar kif għandu jiġi mmexxi dan il-proġett tal-Ġnien tal-Għarusa tal-Mosta kif wkoll tal-War Rooms. Is-Sindku spjega li huwa kien wera x-xewqa li dan jitmexxa flimkien mal-NGO – Għaqda Filantropika Talent Mosti tar-Razzett tal-Markiż Mallia Tabone. Dawn huma nies voluntiera li għamlu ħafna xogħol ta' ġid fil-Mosta u li huwa kien ċert li jistgħu jkunu ta' għajnuna kbira f'dan il-propett. Ġie deċiż li tinkiteb ittra uffiċjali bi stedina lill din il-Għaqda sabiex jiġi iffurmat Kumitat Konġunt bejnhom u l-Kunsill.

Il-Laqgħa kompliet bl-agenda tagħha.

## 2.0 Approvazzjoni tal-Minuti Nru 28 u 29

2.01 Intalbet korrezzjoni f'item No 4.01 tal-minuti tal-Laqgħa No 28. Il-figura tal-pagamenti urġenti għandha taqra €117,995-16 u mhux €95,495-16.

2.02 Fuq talba tas-Sur Joe De Martino saret wkoll korrezzjoni f'item No 5 tal-minuti tal-istess laqgħa. Fil-paragrafu li jibda "Is-Sur Joseph Demartino" għandhom jinqatgħu il-kliem "Is-Sur Joseph Demartino u Dr Shirley Farrugia" u jidħlu l-kliem "Is-Sur Demartino qal li hi tal-mistħija li Kunsilliera Nazzjonalisti ġew imħollija barra għal kollox minn dan il-bord u talab li jkunu fuq il-bord tal-għażla".

Fl-istess paragrafu wara il-kliem "kienet preżenti għall-din il-laqgħa" jiżdiedu l-kliem " u taħdem għal ħinijiet twal filgħaxija".

Dawn il-minuti ġew approvati.

## 3.00 Tagħrif mill-Minuti

Il-Kunsilliera Joe De Martino u Shirley Farrugia oġġezzjonaw għall-fatt li ma ngħataw l-ebda informazzjoni dwar l-għoti tal-Onorefiċenza Ġieħ il-Mosta. Staqsew għaliex wara li nħarġet is-sejħa għall-għoti ta' din l-onorefiċenza u daħlu rakkomandazzjonijiet ma saritx laqgħa tal-Kunsill. Għaliex ittieħdet deċiżjoni li dan l-unur ma jingħata lill ħadd mingħajr ebda konsultazzjoni ma ħadd?

Is-Sindku qal li huwa pprova jsejjaħ laqgħa iżda kien diffiċli jifforma *quorum* sabiex issir laqgħa . Joe Demartino u Dr. Shirley Farrugia qalu li lilhom ħadd ma kien ikkonsulta magħhom dwar dan u għalhekk kien jidher li naħa waħda biss qed tiġi ikkonsultata. Kienu qed jiġu involuti saħansitra nies barranin li mhumiex kunsilliera iżda l-istess kunsillieri eletti mhux jiġu ikkonsultati.

## 4.00 Korrispondenza

4.01 Peress li l-ħin kien limitat u kien hemm ħafna korrispondenza, ġie deċiż sabiex tissejjaħ laqgħa oħra apposta biex tiġi trattat korrispondenza biss. Ġiet iffissata d-data tal-Ħamis 1 ta' Ottubru għal dan il-għan.

4.02 Is-Sur Joe De Martino insista li tiġi stabilita ġurnata kull ħmistax meta għandha issir l-laqgħa tal-Kunsill sabiex wieħed ikun jaf meta ser isiru l-laqgħat u jkun jista jirriserva dik il-ġurnata għalhekk u mhux qatt ma taf meta ser tissejjaħ laqgħa.

Ġie deċiż li l-laqgħat jibdew isiru kull tlett ġimgħat nhar ta' Ħamis.

## 5.00 Approvazzjoni ta' pagamenti

5.01 Is-Segretarju ippreżenta listi ta' pagamenti kif ġej:

| | | |
|---|---|---|
| Pagamenti Urġenti | - | €116,635-07 |
| Pagamenti Oħra | - | € 77,703-86 |
| Petty Cash –Lulju 09 | - | €167,39 |
| Pagamenti – Mosta Dome Festival | - | € 8,484-41 |

5.02 Fuq mistoqsija dwar pagament dovut lill-Perit Charles Buhagiar (Med Design Ltd) is-Sindku spjega li billi t-tender għall-Periti tal-Kunsill ġie sospiż mid-Dipartiment tal-Kunsilli, il-Perit Buhagiar ingħata dan l-inkarigu b'direct order sabiex tkun tista issir l-applikazzoni lill-MEPA għall-fondi tal-UIF u CPPS. Kieku ma sarx hekk dawn il-fondi jistgħu jintilfu għaliex jiġu wżati jew mill-Gvern Ċentrali jew minn xi NGO.

5.03 Ġew approvati unanimament l-pagamenti kollha kif ppreżentati.

5.04 Dwar spejjes li ntefqu fuq l-Mosta Dome Festival li kienu qabżu l-budget approvat mill-Kunsill, is-Segretarju xtaq li jiġi rekordjajt fil-minuti li huwa ma setax japprova dan l-infiq barra l-budget u li ma kienx lest jerfa aktar responsabilita ta' nfiq mhux approvat. Huwa għamilha ċara li d-dipartment kien diġa ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill dwar l-pożizzjoni finanzjarja prekarja li kien jinsab fiha l-Kunsill. Huwa fakkar li l-*financial indicator* kien taħt il-wieħed fil-mija meta dan bil-liġi suppost ikun ta' 10 fil-mija. Kien għalhekk li huwa talab li ssir laqgħa bejnu, s-Sindku, u l-*accountant* tal-Kunsill sabiex tiġi ċċarata l-pożizzjoni u sabiex s-Sindku jkollu stampa ċara tas-sitwazzjoni. Is-Sindku aċċetta li ssir din il-laqgħa li fiha għandu ikun preżenti ukoll l-assistent personali tas-Sindku s-Sur Cristina.

5.05 **Management Letter Y/E 31/03/2009**

Is-Segretarju staqsa jekk kienx hemm xi kummenti dwar il-*management letter* li l-Kunsilliera kollha kienu ingħataw kopja tagħha fil-laqgħa ta' qabel. Ma kien hemm l-ebda kummenti u s-Sindku u Segretarju intalbu jirrispondu għall-din l-ittra kif titlob il-liġi.

## 6.0 Diskussjoni fuq il-proposta ta' monumenti fil-pjazza

6.01 Dan l-item tħalla barra u ma ġiex diskuss.

## 7.0 Ġnien Santa Margerita - Ħatra ta' Perit 'ad-hoc'

7.01 Is-Sindku talab li jinħatar il-perit Charles Buhagiar ad hoc ghall-dan ix-xogħol ta' Ġnien fiż-żona ta' Santa Margerita.

Joe De Martino u Dr Shirley Farrugia oġġezzjonaw għall dan billi qalu li għandu jsir tender jew talba għall-kwotazzjonijiet kif suppost. Għandha tiġi ssettiljata l-kwistjoni dwar is-sospensjoni tat-tender. Jekk hemm bżonn tinkiteb ittra lid-dipartiment sabiex tiġi ċċarata l-pożizzjoni.
Is-Sindku ma nsistiex fuq il-proposta tiegħu u talab lis-Segretarju jikteb lid-dipartiment.

7.02 Is-Sindku ssuġerixxa li huwa jikkuntattja lis-Sindku tan-Naxxar dwar Triq Dawret il-Wied fuq l-inkonvenjenza tal-barriera li hemm f'din iż-żona ta' Santa Margerita . Huwa għandu jirraporta dwar dan meta jkun hemm xi żvilupp.

## 8.0 Bye Law Kiosks/Stalls

Is-Sindku talab lis-Sur Joe Demartino sabiex jġib informazzjoni dwar x'qed jiċċarġjaw Kunsilli Lokali oħra qabel tiġi diskussa din il-materja.

## 9.0 Controlled Parking – MTA/MRRA/MLC – Approval of Agreement

L-items tal-Agenda No 9 u 10 ma ġewx diskussi u tħallew għall-darba oħra.

## 10.0 Wirjiet tal-Artiġġjanat fil-Mosta

Is-Sindku wera x-xewqa li jibdew jiġu organizzati wirjiet tal-artiġġjanat fi Triq il-Parroċċa li ġiet pavimentata dan l-aħħar.

Dawn il-wirjiet jistgħu jsiru nhar ta' Sibt tard filgħaxija u nhar ta' Ħadd filgħodu. Ġie deċiż li dan għandu jiġi diskuss mill-Kumitat tal-Kultura.

**11.0 Ħwejjeġ oħra**

11.01 Is-Sindku talab li l-editur tal-fuljett "Il-Kunsill Tiegħek" jingħata żieda fl-allowance li jirċievi minħabba l-kwantita ta' xogħol li jinvolvi dan il-fuljett. Barra minhekk l-kwalita ta' xogħol li qed jipproduci huwa ta' livell għoli ħafna. Il-Kunsill qabel li din titħalla f'idejn is-Sindku u s-Segretarju li għadhom jaraw li dan jingħata kumpens xieraq.

11.02 Kunsillier Chris Grech – Attivita Sportiva fit-18 ta' Ottubru 2009 fi Pjazza Rotunda. Ikun hemm Boxing u wirja ta' karozzi 4 wheel drive. Ġiet approvata spiża €1,400 – sabiex jintrama 'Boxing Ring' u track proviżorja b'ostakoli ta' blokki tal-konkrit għal Wirja tal-karozzi 4x4. F'każ ta' temp ħażin tigi provduta tinda bi spejjes extra għall-Kunsill.

11.03 Kunsillier Mario Sammut ser jorganizza talk u tombla waqt coffee morning għall anzjani fil-15 ta' Ottubru 2009. Spejjes għall-Kunsill somma ta' madwar €35.

11.04 Kunsillier Mario Sammut – 10 ta' Novembru 2009 ser jorganizza Coffee Morning f' Bugibba. Il-Kunsill jħallas għat transport.

11.05 Kunsillier Mario Sammut – 8 ta' Diċembru 2009 ser jorganizza Party għall-anzjani fis-sala tal-kommunita bi spiża approvata ta' €500.

11.06 Kunsillier Mario Sammut – fit-13 ta' Diċembru 2009 ser jorganizza quddiesa u party għall-persuni b'diżabilita fl-Oratorju Qalb Ta' Gesu bi spiża approvata ta' €350.

11.07 Il-Kunsillier Kirby Fenech ser torganizza Teenage Party fit-30 ta' Ottubru 2009 fil-kwartieri tal-Girl Guides. Din l-attivita ser tkun kollha kemm hi 'sponsored' u ma tinvolvi l-ebda spejjes għall-Kunsill.

11.08 Il-Kunsillier Paul Agius qal li għall-darba oħra il-grupp religjuż ta' Church of Christ of the ? days jerġgħu jnaddfu l-Ġnien ta' L-Għarusa tal-Mosta fil-10 ta' Ottubru 2009. Dan huwa xogħol volontarju li qed joffri dan il-grupp. Il-Kunsill qabel li joffrilhom xi refreshments waqt li jkunu qed jagħmlu dan ix-xogħol.

Il-laqgħa spiċċat 10.45 p.m.

| | |
|---|---|
| Dott Paul Chetcuti Caruana | John J. Camilleri |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |